Notifika ta' implimentazzjoni tal-faċilità għat-tkabbir għoli u l-innovazzjoni għall-SMEs fil-qafas tal-Programm Kwadru għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (2007-2013)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2007/C 302/09)

Din in-notifika hija indirizzata lil mezzi speċjalizzati ta' investiment li jipprovdu ekwità jew kważi ekwità lil SMEs innovattivi b'potenzjal għoli ta' tkabbir fl-istadji bikrija jew t'espansjoni tagħhom ("Intermedjarji Finanzjarji").

Din tiddeskrivi strument finanzjarju, il-Faċilità għat-Tkabbir Għoli u l-Innovazzjoni għall-SMEs (GIF), li għandha l-għan li tiffaċilita l-aċċess għall-fondi għal SMEs fl-istadji bikrija jew t'espansjoni tagħhom. L-għan tal-GIF huwa:

a) li tagħti kontribut lit-twaqqif u l-iffinanzjar ta' l-SMEs u lit-tnaqqis tal-qabża bejn is-suq ta' l-ekwità u tal-kapital ta' riskju, li ma tħallix lill-SMEs jisfruttaw il-potenzjal tagħhom ta' tkabbir, il-għan li jitjieb is-suq Ewropew tal-kapital ta' riskju; u

b) li tagħti appoġġ lil SMEs innovattivi b'potenzjal għoli ta' tkabbir, b'mod partikulari lil dawk li huma involuti fir-riċerka, fl-iżvilupp u f'tipi oħra ta' innovazzjoni.

Il-GIF hija operata mill-Fond Ewropew għall-Investiment (FEI) f'isem il-Kummissjoni Ewropea skond id-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 1639/2006/KE ta' l-24 ta' Ottubru 2006 li tistabbilixxi Programm Kwadru għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (2007 sa 2013) ("CIP").

Dan il-programm huwa miftuħ għall-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea u dawk l-Istati Membri ta' l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles ("EFTA") li huma membri taż-Żona Ekonomika Ewropea ("ŻEE"), pajjiżi li qed iħejju għall-adeżjoni, u pajjiżi kandidati li qed igawdu minn strateġija rilevanti ta' qabel l-adeżjoni, pajjiżi tal-Balkani tal-Punent skond il-ftehimiet ta' qafas rilevanti u kwalunkwe pajjiż inkluż fil-lista ta' Pajjiżi Parteċipanti kif ippubblikata minn żmien għal żmien fil-Ġurnal Uffiċjali.

L-ammont totali indikattiv ta' l-approprjazzjonijiet tal-baġit għall-istrumenti finanzjarji li jaqgħu taħt is-CIP huwa ta' 1 100 miljun EUR għall-perjodu 2007 sa 2013, li madwar nofsu huwa previst ghall-GIF.

Permezz tal-Faċilità wieħed għandu dawn iż-żewġ għażliet:

1. GIF1, li tkopri investimenti fl-istadji bikrija (it-twaqqif u l-ewwel passi). GIF1 tinvesti f'fondi speċjalizzati ta' kapital ta' riskju bħal fondi għall-istadji bikrija, fondi li joperaw fir-reġjun, fondi iffukati fuq oqsma partikulari, teknoloġiji u riċerka, u żvilupp teknoloġiku, u fondi marbutin ma' inkubaturi. Jista' jkun hemm ukoll koinvestiment f'fondi u mezzi ta' investiment miġjuba 'l quddiem minn *business angels*.

2. GIF2, li tkopri investimenti fl-istadju t'espansjoni billi tinvesti f'fondi speċjalizzati ta' kapital ta' riskju, li, min-naħa tagħhom se jipprovdu kważi ekwità jew ekwità lil SMEs innovattivi b'potenzjal għoli ta' tkabbir fl-istadju t'espansjoni tagħhom u jevitaw kapital ta' akkwist jew kapital ta' bdil intiż għan-negozju ta' assi ta' kumpaniji falluti.

Intermedjarji finanzjarji prospettivi jistgħu jiksbu informazzjoni dettaljata dwar il-Faċilità minghand:

Il-Fond Ewropew ghall-Investiment
43, avenue J. F. Kennedy
L-2968 Luxembourg
Posta elettronika: cip.venturecapital@eif.org
jew mis-sit web ta' l-FEI: www.eif.org

Lista tal-fondi kollha li magħhom l-FEI iffirmat kuntratt se tiġi ppubblikata fuq is-sit web ta' l-FEI.

Proposti għal investimenti ta' l-UE taħt il-GIF se jkunu eżaminati mill-FEI fuq bażi kontinwa, fil-limiti ta' l-allokazzjoni tal-baġit Komunitarja disponibbli. L-FEI se jipprova jilħaq bilanċ ġeografiku globali għall-istrumenti finanzjarji taħt is-CIP.